MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2008

Citazzjoni Numru. 1176/2002

**Earth Care Company Limited.**

**-vs-**

**Joseph Attard u Nina Attard u b'digriet tat-22 ta' Mejju, 2006 l-Avukat Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud ġew nominati kuraturi sabiex jirrappreżentaw l-eredita' *giacenti* ta' l-istess Joseph Attard li miet fil-mori tal-kawża.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentata fit-22 ta' Ottubru, 2002 li permezz tagħha s-soċjeta' attriċi ppremettiet:

Illi l-konvenut kellu ftehim ta' *sub-contracting* mas-soċjeta' attriċi; u

Illi minħabba r-relazzjoni ta' xogħol bejn il-partijiet kontendenti, l-istess konvenut ġie fdat bil-pussess ta' diversi oġġetti relatati ma' l-istess xogħol, konsistenti f'makkinarju u vettura, u dan bl-intiża li dawn l-oġġetti jintużaw mill-konvenut sakemm jibqa' fis-seħħ il-ftehim ta' *sub-contracting* mas-soċjeta' attriċi; u

Illi *oltre* dawn l-oġġetti li kienu diġa' fil-pussess tal-konvenut, l-istess konvenut kien ġie fdat b'oġġetti oħra b'segwitu ta' tilwima industrijali li seħħet f'Lulju 1999; u

Illi dawn l-oġġetti kollha huma u baqgħu proprjeta' esklussiva tas-soċjeta' attriċi, liema oġġetti ngħataw fil-pussess tal-konvenut għar-raġunijiet imsemmija, u *cioe' in parte qua* depositarju u *in parte* sabiex jintużaw minn sakemm idum fis-seħħ il-ftehim bejniethom; u

Illi l-oġġetti li kienu u għadhom fil-pussess tal-konvenut jikkonsistu *f'air compressor, charger red,* żewġ (2) *diesel generators,* żewġ (2) *welding sets, hydro-jack highup, cutter* tat-*tarmac* (petrol), *pump grease air, hydraulic compressor*, żewġ (2) *jacks, pipe* tal-kumpressur, imqass tal-pjanċi, karru ta' l-aċetilena u *blazing-set*, żewġ *chasers*, erba' (4) *tyres*, *driller, small pump grease, lawnmower, chainsaw*, żewġ (2) *air-compressors, hydraulic jack,* u *hand-operated tarmac cutter*, kif ukoll vettura *ossia* vann tal-marka Dodge li kellha numru ta' reġistrazzjoni LAW-681; u

Illi dawn l-oġġetti għandhom valur kumplessiv ta' madwar sebat elef u tmien mitt Lira Maltin (Lm7,800), u dan kif jirriżulta mill-prospett hawn anness; u

Illi dan il-ftehim ta' *sub-contracting* bejn il-partijiet kontendenti ma għadux operattiv, u konsegwentement l-oġġetti mislufin għandhom jiġu ritornati; u

Illi għalkemm interpellat diversi drabi sabiex jirritorna l-istess oġġetti, l-istess konvenut baqa' inadempjenti.

Jgħid għalhekk il-konvenut għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:-

1. Tiddikjara li l-oġġetti indikati fl-elenku hawn anness u li jinsabu fil-pussess tal-konvenut huma proprjeta' esklussiva tas-soċjeta' attriċi.

2. Tiddikjara li l-ftehim ta' *sub-contracting* huwa terminat u ilu hekk terminat għal diversi snin, u konsegwentement tiddikjara wkoll illi l-oġġetti mislufa, kif ukoll dawk li ġew depositati għand il-konvenut għandhom jiġu ritornati.

3. Prevja dikjarazzjoni mitluba minn din l-Onorabbli Qorti okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi li l-oġġetti indikati għandhom jinżammu mill-konvenut fl-istat pristinu tagħhom, tordna lill-konvenut sabiex fi żmien qasir u perentorju jirrestitwixxi l-oġġetti lis-soċjeta' attriċi f'dan l-istat pristinu tagħhom.

4. F'każ li jirriżulta li dawn l-oġġetti ma għadhomx fl-istat pristinu tagħhom u anke f'każ li l-konvenut jonqos milli jirrestitwixxi l-oġġetti kollha jew uħud minnhom fiż-żmien lilu prefiss, tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' sebat elef u tmien mitt Lira Maltin (Lm7,800) jew somma verjuri li tiġi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti, rappreżentanti l-valur ta' l-oġġetti hawn indikati.

Bl-ispejjeż, inklużi ta' l-ittri interpellatorji datati 22 ta' Frar, 2000 u 13 ta' Settembru, 2001, u bl-imgħaxijiet legali kontra l-konvenuti nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-soċjeta' attriċi maħlufa minn Nazzareno *sive* Ronnie, *I.D.* numru 647545(M), u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-konvenuta a fol 10 tal-proċess li permezz tagħha ndikat li żewġha l-konvenut Joseph Attard miet qabel infetħet il-kawża odjerna, u *cioe'* fl-10 ta' April, 2002.

Rat ir-rikors tas-soċjeta' attriċi ta' l-20 ta' April, 2006 li permezz tiegħu ntalab li jiġu maħtura kuraturi biex

jirrappreżentaw l-eredita’ *giacenti* tal-konvenut imsemmi, u d-digriet li permezz tiegħu nħatru l-Avukat Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud bħala kuraturi deputati.

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet, ippreżentata fit-18 ta’ Awissu, 2006, li permezz tagħha l-kuraturi l-Avukat Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud eċċepew bir-rispett:

Illi l-esponenti m’humiex edotti mill-fatti u b’hekk qegħdin jirriservaw id-dritt li jippreżentaw l-eċċezzjonijiet tagħhom motivati kif, jekk u meta jiġu edotti mill-fatti.

Salv eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-kuraturi maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta’ April, 2008 li permezz tiegħu l-kawża ġiet differita għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi s-soċjeta’ qegħda tagħmel il-kawża billi l-konvenut, illum mejjet, żamm f’idejh numru ta’ oġġetti li kienu jappartjenu lill-istess soċjeta’ attriċi. Is-soċjeta’ attriċi ġabet biżżejjed provi biex il-Qorti tilqa’ t-talbiet tagħha u dawn ma ġewx kontradetti billi ma nġabu ebda provi da parti tal-konvenuti.

**Għaldaqstant il-Qorti ser tgħaddi u tiddeċiedi l-kawża billi tilqa’ t-talbiet kollha attriċi (fir-rigward ta’ l-aħħar talba s-somma pagabbli għandha tkun tmintax-il elf, mija u erbgħa u sebgħin Euro (€18,174). L-ispejjeż a kariku tal-konvenuti iżda s-soċjeta’ attriċi għandha tħallas proviżorjament l-ispejjeż u d-drittijiet tal-konvenuti kuraturi deputati.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------